

DEĊIJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-29 ta' Awwissu 2013

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro

(BĊE/2013/27)

(2014/29/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2013/28 tad-29 ta' Awwissu 2013 dwar il-persentaġġ ta' ishma tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾ tipprovd għall-aġġustament tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (minn hawn 'il quddiem "skema tal-kapital") skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u tistabbi-laxxi, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, il-ponderazzjonijiet ġodda assenjati lil kull bank ċentrali nazzjonali (BĊN) fl-iskema tal-kapital aġġustata (minn hawn 'il quddiem "il-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital").
- (2) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/387/UE tad-9 ta' Lulju 2013 dwar l-adozzjoni tal-euro fil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014 ⁽²⁾, b'mod konformi mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat, il-Latvja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga mogħtija lillha taħt l-Artikolu 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 ⁽³⁾ ser tiġi rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.
- (3) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro ⁽⁴⁾

jiddefinixxi l-“iskema ta' distribuzzjoni ta' karti tal-flus” u jirreperi għall-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013. Peress li ser tapplika ponderazzjoni ġidida tal-iskema tal-kapital mill-1 ta' Jannar 2014, u peress li l-Latvja ser tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2014, jeħtieġ li d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tiġi emmenda sabiex tigħi ddeterminata l-iskema ta' allokazzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

1. L-aħħar sentenza tal-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 hija mibdula b'dan li ġej:

“L-Anness ma' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar 2014.”

2. L-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 huwa mibdul bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta' Awwissu 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 195, 18.7.2013, p. 24.

⁽³⁾ Att dwar il-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungeria, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovaka u l-āġġustamenti fit-Trattati li fuqhom hi msejsal-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

⁽⁴⁾ ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26.

ANNESS

“ANNESS I

SKEMA TAL-ALLOKAZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA’ JANNAR 2014

| | |
|--|--------------------|
| Il-Bank Ċentrali Ewropew | 8,0000 % |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 3,2575 % |
| Deutsche Bundesbank | 23,6605 % |
| Eesti Pank | 0,2535 % |
| Central Bank of Ireland | 1,5260 % |
| Bank of Greece | 2,6730 % |
| Banco de España | 11,6230 % |
| Banque de France | 18,6415 % |
| Banca d’Italia | 16,1850 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,1990 % |
| Latvijas Banka | 0,3710 % |
| Banque centrale du Lussemburgu | 0,2670 % |
| Bank Ċentrali ta’ Malta | 0,0850 % |
| De Nederlandsche Bank | 5,2635 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 2,5810 % |
| Banco de Portugal | 2,2920 % |
| Banka Slovenije | 0,4540 % |
| Národná banka Slovenska | 1,0155 % |
| Suomen Pankki | 1,6520 % |
| TOTAL | 100,0000 %” |